

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-miżuri ta’ ġestjoni, ta’ konservazzjoni u ta’ kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) u r-Regolament (UE) .../2022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi pjan ta’ ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran”**

(COM (2022) 171 final — 2022/0111 (COD))

(2022/C 365/10)

Relatur uniku: **Javier GARAT PEREŻ**

Konsultazzjonijiet	Parlament Ewropew 2.5.2022 Kunsill, 23.5.2022
Bażi legali	Artikoli 43(2) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	31.5.2022
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	63/0/0
Adottata fil-plenarja	15.6.2022
Sessjoni plenarja Nru	570
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	211/1/4

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jqis li huwa xieraq u neċessarju li r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) jiġu trasposti fid-dritt tal-UE, peress li l-UE hija parti kontraenti għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u sabiex tikkonforma mal-miżuri ta’ konservazzjoni u infurzar adottati fil-laqgħat annwali tagħha tal-2006, l-2016, l-2017, l-2018, l-2019 u l-2021.

1.2. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li l-partijiet kontraenti kollha jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet adottati mill-ICCAT sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u ekwivalenti għall-operaturi kollha.

## 2. Sinteżi tal-Proposta tal-Kummissjoni

2.1. L-għan ewlieni tal-Proposta huwa li tinkludi fid-dritt tal-Unjoni l-miżuri l-ġodda ta’ konservazzjoni u infurzar adottati mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (minn hawn ‘il quddiem ICCAT) fil-laqgħat annwali tagħha tal-2006, l-2016, l-2017, l-2018, l-2019 u l-2021, bħala parti kontraenti għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (minn hawn ‘il quddiem il-Konvenzjoni ICCAT) mill-14 ta’ Novembru 1997.

2.2. Il-Konvenzjoni ICCAT tistabbilixxi qafas reġjonali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn u speċijiet li jixbhu lit-tonn fl-Oċean Atlantiku u fl-ibħra ta’ madwaru u tippermetti li jiġu adottati rakkomandazzjonijiet vinkolanti għall-partijiet kontraenti.

2.3. Il-Proposta timmodifika r-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>, li diġà jinkludi miżuri ta’ ġestjoni, konservazzjoni u infurzar tal-ICCAT, fir-rigward tal-miżuri relatati mal-ispeċijiet li ġejjin: it-tonn tropikali, l-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar, il-pixxivela u l-marlin blu u abjad.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Novembru 2017 li jstabbilixxi l-miżuri ta’ ġestjoni, ta’ konservazzjoni u ta’ kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1).

2.4. Tirrevedi wkoll ir-rappurtar tad-data dwar il-kastardella, il-pixxitondu, kif ukoll is-saħħa u s-sikurezza tal-osservaturi fil-programmi reġjonali tal-ICCAT, ir-responsabbiltajiet għall-osservaturi xjentifiċi u l-aġġornament tal-lista ta' speċijiet tal-ICCAT.

2.5. Barra minn hekk, il-Proposta temenda wkoll ir-Regolament (UE) .../2022 li jstabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, fir-rigward tad-dikjarazzjoni annwali tar-riport mill-Istat Membru ta' Trobbija u ta' ċerti obbligi mat-tqegħid fil-gaġeġ.

2.6. Sabiex ir-rakkomandazzjonijiet futuri tal-ICCAT jiġu inklużi malajr fid-dritt tal-Unjoni, jeħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta deċiżjonijiet relatati mal-kwistjonijiet li ġejjin: il-limitazzjonijiet tal-kapaċità tat-tonn tropikali u r-rappurtar tal-pjan annwali tal-kapaċità tas-sajd tiegħu, ir-riport annwali tal-kwota tat-tonn obeż, l-alonga u l-pixxispad tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar, il-pjani ta' ġestjoni fir-rigward tal-irkaptu biex jinġemal-ħut (FADs), l-għadd ta' baġi strumentali, ir-rekwiżiti u l-perjodi ta' projbizzjoni tal-FAD, ir-restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' bastimenti li jistadu għall-alonga tal-Atlantiku tat-Tramuntana, il-kondizzjonijiet għall-qbid u ż-żamma tal-pixxitondu, is-sopravivenza tal-fkieren tal-baħar, il-perċentwal minimu tal-kopertura tal-osservaturi u l-kejl tagħha kif ukoll il-lista tal-ispeċijiet tal-ICCAT.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jqis li huwa xieraq u neċessarju li r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-ICCAT fil-laqgħat annwali tagħha tal-2006, l-2016, l-2017, l-2018, l-2019 u l-2021 jiġu inklużi fid-dritt tal-UE, peress li l-UE hija parti kontraenti għall-Konvenzjoni ICCAT u għalhekk hija obbligata tirrispetta l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tagħha u n-natura vinkolanti ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

3.2. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li l-partijiet kontraenti kollha jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet adottati mill-ICCAT sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u ekwivalenti għall-operaturi kollha.

Brussell, il-15 ta' Ġunju 2022.

Christa SCHWENG  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew